MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 2147/2000/1

**Caroline Grech**

**v.**

**Ian Borg**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell ta' l-attrici minn sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 2004 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Il-kwistjoni f'dan l-appell hija dwar il-validita` taz-zwieg bejn

il-kontendenti celebrat fil-21 ta’ Gunju 1997 fil-Katedral ta’ l-Imdina.

**It-talbiet u l-eccezzjonijiet**

Fic-citazzjoni taghha, l-attrici talbet lill-qorti ta’ prim istanza – li allura kienet ghadha il-Prim Awla tal-Qorti Civili – tiddikjara z-zwieg null ghar-ragunijiet segwenti:

1. billi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;
2. billi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta' diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;
3. il-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-istess kontendenti illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Il-konvenut eccepixxa illi jaqbel illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null, izda mhux ghall-htijiet imputabbli lilu izda ghall-attriċi u dan kif, skond hu, kien ser jiġi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata**

B’sentenza tat-28 ta’ Ottubru 2005, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) qatghet il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu l-istess qablet li tali zwieg għandu jiġi annullat, cahdet it-talba attrici ghad-dikjarazzjoni li z-zwieg kien null. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Gunjuj 1997 u huma llum separati u qed jaghmlu din il-kawza ghall-annullament taz-zwieg. Izda din il-Qorti thoss li minkejja li l-azzjoni hija bbazata wkoll fuq l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti ma jirrizultax assolutament li l-partijiet ssimulaw il-kunsens taghhom taz-zwieg. Fil-fatt prova minima ta’ dan ma hemm xejn fil-process, u mill-provi kollha prodotti dan ma jirrizultax.

Illi l-attrici tibbaza wkoll l-azzjoni taghha fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 u tallega diversi fatti fil-konfront tal-konvenut, fosthom li huwa zzewweg lilha peress li kien imdejjaq id-dar mal-genituri tieghu, li kien idum hafna fuq ix-xoghol, li kien ifittex il-hbieb u li ma kienx jirrispetta b'mod generali u sahansitra li wara z-zwieg kien jiehu pilloli ghad-dipressjoni. Illi hija min-naha taghha tghid li kellha dubji fuq il-konvenut ghaliex ma kienx ried imur il-kors ta' Kana. Hija ssemmi li qassis li kienet tafda fih, u anke l-genituri taghha kienu javzawha sabiex ma tizzewwigx malajr.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta bla ebda dubju li minkejja l-allegazzjonijiet attrici l-konvenut ma kien ibati bl-ebda mard mentali. Dan jixhdu Dr John Mifsud wara li hu stess kien wara z-zwieg ikkura lill-konvenut ghal xi dipressjoni li l-istess xhud kien iddeskriva bhala xi haga zghira li certament qatt ma setghet wasslet ghall-effetti ndikati mill-attrici fic-citazzjoni taghha.

Illi dwar id-dubbji li l-attrici tghid li kellha qabel iz-zwieg dwar il-konvenut, jirrizulta car li minkejja l-fatt li l-istess konvenut kien idum fuq ix-xoghol (u dan anke waqt l-gherusija ta' bejniethom), l-enfasi ta' l-istess konvenut dejjem baqghet li huwa kien ihobb lill-attrici u anke kien ghamilha cara li wara z-zwieg huwa kien inaqqas mill-hin tax-xoghol.

Illi dwar l-allegazzjoni I l-konvenut izzewweg lill-attrici peress li hija kienet ippressatu, dan assolutament huwa kontradett mill-istess konvenut, tant li huwa qal li ried jaghmilha cara li ried jizzewweg ghaliex ried hu, u mhux ghaliex riditu jaghmel hekk l-attric, u ghaliex il-hbieb kienu kollha qed jizzewgu. Fil-fatt huwa qal li "konna ddecidejna flimkien li nitgharrsu u nizzewgu".

Illi dwar l-preparazzjonijiet taz-zwieg, l-istess konvenut jindika bl-aktar mod skjett li l-partijiet mhux dahlu ghal dan iz-zwieg bla hsieb izda sond huwa kienu jitkellmu hafna fuq it-tieg u l-hajja taz-zwieg. Dan minkejja li jidher car l mhux fuq kollox kienu jaqblu. Pero` xorta wahda fl-opinjoni ta' din il-Qorti, m'hemm l-ebda dubju li kull parti

riedet tizzewweg lill-parti l-ohra, u t-tnejn li huma kineu mpenjati ghall-hajja mizzewga, li anke kienu jhobbu lil xulxin.

Illi jidher pero` li maz-zwieg din l-armonija bejn il-partijet bdiet titmermer peress l l-konvenut kien iqatta' hin sew ix-xoghol, filwaqt l l-attrici min-naha taghha bdiet tohrog mid-dar. Jidher li l-partijiet bil-mod il-mod birdu minn xulxin sakemm isseparaw. Madankollu mkien ma jirrifletti li l-partijiet kellhom il-kunsens taghhom taz-zwieg vizzjat, jew li qabel iz-zwieg u fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens taz-zwieg parti jew ohra kellha xi nuqqas ta' diskrezjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq l-elementi esenzjali taghha, jew ta' xi wiehed jew wahda mill-istess elementi taz-zwieg. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, jirrizulta, anzi li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien wiehed validu u l-fatt li l-istess partijiet eventwalment sabu ruhhom f'diffikultajiet fiz-zwieg tant li jidher li sseparaw, ma jfissirx li hemm lok ta' annullament taz-zwieg. Dan ghaliex jidher li ghalkemm jista' jkun hemm ragunijiet ghall-pronunzjament ta' separazzjoni bejn il-partijiet, dan ma jfissirx li hemm l-lok gha dijarazzjoni ta' annullament taz-zwieg, peress li r-regoli li japplikaw ghal din il-kawza huma ghal kollox differenti minn dawk li jwasslu ghall-kawza ta' separazzjoni personali.

Illi fuq kollox mill-provi prodotti ma jidhirx li l-istess partijiet kellhom b'xi mod il-kunsens tahhom vizzjat ghal dan iz-zwieg. Fil-fatt jidher li l-ghazla taghom ghal din ir-rabta ma xulxin saret minnhom b'mod liberu ghal kollox. Kienu l-istess partijiet li hadu din id-decizjoni, u dan minghajr hadd ma sforzahom. Jidher li l-partijiet waslu ghla din id-decizjoni b'kunsens liberu wara li kull parti kkonsidrat bl-aktar mod serju l-implikazzjonijiet ta' l-istess xelta. Mill-provi prodotti jista'jinghad li fil-mument taz-zwieg kien jidher li l-partijiet kienu mpenjaw ruhhom ghal xuxlin u taw ruhhom lil xuxlin ghal dan iz-zwieg fil-kuntest legali kollu tieghu. Min-naha ta' l-attrici jidher car li hija riedet tizzewweg lill-konvenut ghaliex kienet thobbu tant li z-zija tal-konvenut, Miriam Gauci qalet li "*kemm qabel u anke wara z-zwieg l-attrici kienet tiftah qalbha mieghi. Jiena*

*qatt ma naf li qabel iz-zwieg l-attrici kellmitni dwar xi problemi."*

Illi huwa veru li l-perit legali sostniet li l-kunsens taghom kien vizzjat a bazi ta' l-istess imsemmi artikolu, pero` l-istess perizja legali ma hija bl-ebda mod motivata fuq dan il-punt, tant li l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali dwar dan l-punt huma biss dawk kontenuti f'paragrafi 41 u 42 tar-relazzjoni peritali, u dan bla ma l-perit legali ghamlet ebda referenza specifika ghall-fattispecie tal-kaz, jew indikat ghaliex hija wasslet ghal din il-konkluzjoni. Din il-Qorti thoss li tali konkluzjoni tal-perit legali ma hijiex accettabli u fuq kollox tali konkluzjoni bla motivazzjoni u bla ebda refereza ghal-provi prodotti mill-partijiet, ma tistax tigi milqugha w accettata minn din il-Qorti. Il-fatt li wiehed jelena l-principji legali tal-kaz, u anke li wiehed jindika x-xhieda prodotta, ma jwasslux ghall-konkluzjoni li hemm kaz ta' annullament, stante li jrid isir apprezzament tal-provi b'mod seju u trasparenti, u l-istess provi hekk evalwati jigu applikati ghall-principji legali li jirregolaw il-kaz in ezami. Dan jidher li ma sarx mill-istess perit legali, jew almenu din il-Qorti thoss li ma jirrizultax mir-rapprt peritali.

Illi anzi din il-Qorti thoss, li mill-provi prodotti, u wara ezami bir-reqqa ta' l-istess, l-attrici certament ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjonijiet taghha minnha vantanti fic-citazzjoni attrici. Anzi l-istess allegazzjonijiet taghha huma kontradetti mill-istess konvenut kwazi f'kull dettal, u dan apparti l-fatt li dak li seta' gara wara z-zwieg – l-aktar dwar id-dizgwid li kellhom il-partijiet kemm fuq ix-xoghl tal-konvenut u kemm fuq affarijiet ohra – certament li f'dan il-kaz ma jistghu qatt iwasslu ghall-konkluzjoni li kien hemm vizzju ta' kunsens ghaz-zwieg minn parti jew ohra, jew ossia miz-zewg partijiet. Anzi, kif gja` inghad, mill-provi prodotti minn kull parti jirrizulta li l-partijiet aw il-kunsens taghhom validament ghaz-zwieg, b'mod mill-aktar liberu, bla ebda pressjoni ta' hadd, u d-decizjoni ttiehdet wara diversi zmien flimkien, wara li anke ddiskutew x'qed jistennew mill-istess ziweg, konxji ta' l-obbligi u d-drittijiet naxxenti mill-istess zwieg, kif ukoll ta' l-elementi esenzjali ta' l-istess.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu premess, it-talba attrici ghandha tigi michuda."

**L-appell**

L-attrici appellat minn din is-sentenza b'rikors presentat fis-17 ta' Novembru 2004. L-aggravji taghha jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi l-ewwel Qorti skartat kompletament il-konkluzjonijiet tal-perit legali Dott. Sandra Sladden minkejja li l-istess perit legali kellha l-opportunita` tevalwa l-kredibilita` o meno tax-xhieda waqt li kienu qed jaghtu d-depożizzjonijiet taghhom;
2. illi l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tiddikjara z-zwieg null taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 u cioe` minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, taz-zewg partijiet; u
3. illi minghajr pregudizzju ghal dan, il-kunsens ta' l-attrici appellanti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif imfisser fl-Artikolu 19(1)(f) ta' l-imsemmi Kap. 255.

Il-konvenut appellat ma ipprezentax risposta, pero` d-difensur tieghu ittrattat l-appell fl-udjenza tal-14 ta' Gunju 2005.

**L-ewwel aggravju**

L-ewwel aggravju ta' l-attrici appellanti huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti skartat kompletament il-konklużjonijiet tal-perit legali Dott. Sandra Sladden minkejja li l-istess perit legali kellha l-opportunita` tevalwa l-kredibilita` o meno tax-xiehda waqt li dawn kienu qed jaghtu d-depozizzjonijiet taghhom. Issa, kif inhu risaput u stabbilit bil-ligi (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), ir-rapport u l-konkluzjonijiet ta' periti (gudizzjarji jew tekinici) huma biss ghodda f'idejn il-gudikant u jistghu jigu skartati jekk jitqiesu skorretti. Il-perit legali inkarigat mill-Ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li z-zwieg kellu jigi dikjarat null taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux taht il-kap tas-simulazzjoni. Wara li din il-Qorti

qieset l-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fuq dan il-punt, hija ma ssib xejn x’ticcensura fil-motivazzjoni li wasslet lil dik il-Qorti biex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-perit legali, proprju ghaliex ir-relazzjoni peritali ma tispjega b’ebda mod x’apprezzament ta’ provi sar mill-abbili perit gudizzjarju. Anqas ma hemm f’dik ir-relazzjoni – u fil-verita` ma setax ikun hemm ghax il-provi ma kienux iwasslu, kif ser naraw, ghal tali problematika – xi indikazzjoni li kien hemm verzjonijiet kontrastanti b’tali mod li kienu jirrikjedu ghazla da parti tal-perit, cioe` jekk jemminx lil parti jew lil ohra. Il-kwistjoni f’din il-kawza hi jekk il-provi – anke jekk wiehed kellu jiehu dak kollu li qalet parti jew ohra *a bocca baciata* – jinkwadrawx il-kaz, in kwantu jippruvaw xi tezi sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, taht wiehed jew aktar mir-ragunijiet imsemmija fil-Kap. 255 li ghalihom il-Qrati taghna jistghu jiddikjaraw zwieg bhala null. Għalhekk dan l-aggravju qed jigi respint, b’dan, naturalment, li din il-Qorti ser terga’ tezamina l-provi kollha biex tara jekk, qalet x’qalet il-perit gudizzjarju fir-relazzjoni taghha, hemmx lok ta’ annullament f’dan il-kaz a bazi tal-provi prodotti. Fil-verita` dak hu li ghamlet ukoll l-ewwel Qorti, u cioe` ezaminat il-provi kollha indipendentement mir-relazzjoni peritali – fatt, dan, rikonoxxut anke mill-appellanti meta, f’pagna 4 tar-rikors ta’ appell taghha tghid testwalment: “Illi fil-kaz in ezami l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex taghmel hija stess l-apprezzament tal-provi mressqa fil-kawza”. Dan kien proprju dak li kellha taghmel dik il-Qorti, aktar u aktar meta si tratta ta’ perit gudizzjarju u mhux perizja strettament teknika.

**It-tieni aggravju**

L-appellanti ssostni li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi biex tiddikjara z-zwieg null taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ċioe` minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, taz-zewg partijiet. L-attrici appellanti mhix qed tappella mis-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talba taghha fuq it-tieni parti ta’ l-istess Artikolu 19(1)(d) u ċioe` li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li

ghamlitha impossibbli ghall-istess kontendenti illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u ghalhekk din il-Qorti mhix se tidhol f'din il-parti ta' dan il-paragrafu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Nicholas Agius v. Rita Agius**, deciza fil-25 ta' Mejju 1995, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat spjegazzjoni ezawrjenti tal-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

**"B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>discretio judicii</u> hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.**

**"Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:**

**""Il matrimonio, in quanto patto ossia 'foedus'....richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che.... si tratta di assumersi una 'servitus' per tutta la vita" (<u>Forum</u>, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).**

**"Pero`, kif ga inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza "non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica**

**il raggiungimento di una maturita` piena" (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46). Propju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.**

**"Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti: "la piena avvertenza e il deliberato consenso....La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita affettiva ... ... La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).**

**"L-istess awtur, imbaghad, ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg: "Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra` essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all'assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l'esistenza con un contratto perpetuo e irrescindibile che comporta una**

**serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (<u>ibid.</u> pp. 97-98). Hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla <u>libera</u>, kunsens <u>hieles</u>, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla <u>facli</u>: "....se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia....In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole" (Pompedda, M.F., <u>Incapacita` di Natura Psichica</u> in <u>Matrimonio Canonico: Fra</u>**

**__Tradizione e Rinnovamento__ (Bologna, 1991), pp. 231, 233).**

**"Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' Viladrich: "Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (Viladrich, P.J., __Matrimonial Consent__ in __Code of Canon Law Annotated__ (Montreal, 1993), p. 686)."**

Issir referenza wkoll għas-sentenza **Janet Portelli v. Victor Portelli** deciza fl-14 ta' Awissu 1995 fejn il-Prim Awla qalet hekk:-

**"A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza, ghal dak li jirrigwarda d-dottrina dwar dan il-caput nullitatis ghas-sentenzi taghha fl-ismijiet __John Borg vs. Paula sive Polly Borg__ (22 ta' Mejju, 1995) u __Nicholas Agius vs. Rita Agius gja Caruana__ (25 ta' Mejju, 1995). Ma dak li jinghad f'dawn is-sentenzi jista' jizdied il-kumment tal-gurista Davino:**

**""[I]t seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to**

**the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within" (kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta' Mejju, 1990, coram Bajada, Forum 2(1991)2 pp. 173-174)."**

Hija rilevanti wkoll is-sentenza **Robert Attard v. Josephine Attard** deciza fit-18 ta' Ottubru 1995, fejn il-Prim Awla kompliet tispjega hekk:

**"Ma dak li jinghad f'dawk is-sentenzi (Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri, 4 ta' Novembru, 1994, Nicholas Agius v. Rita Agius gja Caruana, 25 ta' Mejju, 1995, u Janet Portelli v. Victor Portelli, 14 ta' Awissu, 1995) wiehed jista' jzid il-kumment tal-gurista Pompedda:**

**"“L'incapacita` di cui si parla soltanto allora si verifichera` quando uno o entrambi i nubendi siano affetti da grave difetto di discrezione di giudizio, cioe` da grave carenza critico-valutativa circa l-oggetto del consenso. Quindi non una qualsiasi lacuna, non una qualsiasi leggerezza o fragilita` psichica puo` indurre tale incapacita`" (Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico fra Tradizione e Rinnovamento, Edizioni Dehoniane (Bologna), 1991, p. 230).**

**"Kif gie osservat ukoll fis-sentenza Portelli vs. Portelli appena citata, biex jista' jinghad li hemm dana d-difett irid jirrisulta li l-parti tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva (jew kritiko-valutattiva) dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg."**

Il-kuncetti ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u ta' immaturita` affettiva gew elaborati fis-sentenza **Isabelle**

**Zarb v. Stephen Attard** deciza fil-21 ta' Novembru 1995, fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili irriteniet:-

**"Biex wiehed jirriassumi, jista' jinghad li ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita` affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx semplicement nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Kif jispjega il-Professur Diego de Caro tal-Universita` ta' Ruma:**

**""L'immaturita` affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione dell'affettivita` nell'adolescenza, "periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabilita` dell'adulto". Sono principalmente considerati nell'affettivita` gli istinti, i sentimenti e le emozioni" (De Caro, D., L'Immaturita` Psico-Affettiva nel Matrimonio Canonico in Bonnett, P.A.-Gullo, C., L'Immaturita` Psico-Affettiva nella Gurisprudenza della Rota Romana, Libreria Editrice Vaticana (1990), p. 16.**

**"U l-gurista Bersini, ga citat, jiddeskrivi hekk din l-immaturita`:**

**""Secondo gli psichiatri, l'immaturita` affettiva si articola nei seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nei confronti della madre e delle figure che la sostituiscono; in relazione a tale dipendenza, una incapacita` di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita` dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile**

**(crisi di collera, di lacrime, ecc.); egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta`, che contrasta con la gravita` apparente dei sintomi: il sintomo sembra restare separato dalla personalita`" (Bersini, F., op. cit., p. 97)."**

L-appellanti tibbaza l-aggravju taghha fuq erba' fatti principali; l-ewwel tnejn b'sostenn tan-nuqqas ta' diskrezzjoni taghha u t-tnejn l-oħra sabiex turi dak in-nuqqas fil-persuna tal-konvenut:

1. il-konvenut kien l-ewwel *boyfriend* taghha u bdiet tohroġ mieghu meta kellha sbatax-il sena;
2. hija zzewget ta' eta` zghira ghaliex min-naha kienet tibza' li jekk titlaq lill-konvenut ma kienitx issib lil xi ħadd iehor u min-naha l-ohra kien hemm kollox lest ghat-tieg u ma rieditx tkun hi li thassar l-avveniment;
3. kemm qabel u wara z-zwieg il-konvenut appellat kien mohhu fix-xoghol, ma kienx jittrattaha tajjeb, kien aggressiv u kellu ghaggla kbira biex jizzewweg;
4. illi l-konvenut appellat irreagixxa hażin ghat-twelid tat-tifel.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet bdew johorgu flimkien meta l-attrici kella sbatax-il sena u huma zzewwgu fil-21 ta' Gunju 1997 meta l-appellanti, li twieldet fid-19 ta' Marzu 1977 kellha ghoxrin sena u l-appellat, imwieled fl-1 ta' Lulju 1971 kellu kwazi sitta u ghoxrin sena. Huma sseparaw legalment wara hames snin, preciżament fit-12 ta' Lulju 2000[1]. Il-partijiet tgharrsu formalment sena wara li ltaqghu u ddecidew li jizzewwgu ftit xhur wara u b'hekk bdew il-preparamenti ghat-tieg, primarjament iffinanzjati mill-genituri rispettivi taghhom. Illi ghalkemm kien hemm min avza lill-appellanti – principalment il-qassis konfessur taghha - illi kienet ghadha zghira biex tizzewweg, hija xorta ddecidiet illi tkompli, liema determinazzjoni min-naha ta' l-attriċi wasslitha biex taqta' il-kuntatt minn ma' l-istess qassis konfessur[2]. Il-partijiet marru l-kors ta' Kana u hemmhekk fi kliem l-appellanti *"ahna tkellimna dwar iz-*

---

[1] Annotazzjoni fic-certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok A mac-citazzjoni a fol. 7 tal-process.
[2] Fol. 80 tal-process

*zwieg u x'irridu miz-zwieg"* [3] allavolja irrizultaw id-divergenzi ta' bejniethom.

Sa mill-bidu tar-relazzjoni, l-appellanti kienet ukoll ben konsapevoli li l-konvenut, fil-kariga tieghu fil-lukanda ta' missieru, kellu hinijiet tax-xoghol twal, u minkejja t-twissijiet li kellha ippersistiet fir-relazzjoni mieghu. L-attriċi tispjega illi peress li kienet tbati minn *inferiority complex* – allegazzjoni li mhix korroborata mill-provi – hija baqghet mal-konvenut ghaliex kienet tibza' li jekk titilqu ma kienitx issib lil xi ħadd ieħor u min-naha l-ohra kien hemm kollox lest ghat-tieg u ma rieditx tghid lil missierha li riedet thassar l-avveniment. L-apici ta' dak li fir-rikors ta' l-appell jissejjah "konfuzjoni" f'mohh l-appellanti wasal ftit xhur qabel it-tieg, meta wara glieda fuq kwistjoni insinjifikanti l-appellanti kienet fethet qalba ma' kollega tax-xoghol dwar id-dubji li kellha dwar il-konvenut u z-zwieg imminenti.

Ma jirrizultax mill-provi li l-appellanti kellha xi pressjoni esterna partikolari biex tizzewweg; anzi għall-kuntrarju jirrizulta li ghazlet dik it-triq minkejja l-pariri kuntrarji li kellha. L-anqas jirrizulta li kellha xi genituri aggressivi jew li jimponu fuqha li wieħed jasal biex jghid illi kienet imbazza' mill-konsegwenzi kieku hassret. Il-fatt li kif xehdet hi stess bl-affidavit *"lil missieri kont nitliflu tlett elef lira depoziti li kien halla[s] fuq l-affarijiet tat-tieg"* u *"missieri kien jaf hafna nies u ma ridtx li wara li kien qalilhom kollha li kont ser nizzewweg kont inkun jiena li nisfratta kollox"* [4] ma jirrizultax, fin-nuqqas ta' xhieda korroboranti, li kien jammonta ghal pressjoni interna tant qawwija li affetwat b'mod gravi l-volonta` ta' l-attriċi li tizzewweg.

Dwar in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' l-appellat, jirrizulta illi ghalkemm affetwat minn pressjonijiet ta' xoghol kemm qabel u b'mod aktar sinjifikanti wara z-zwieg, hu wkoll kien ben deciz u konxju dwar iż-zwieg u l-elementi essenzjali tieghu. Ma jirrizultax li l-konvenut ma fehemx id-dmirijiet taz-zwieg fejn jidhlu t-tfal ghaliex ghalkemm kif jaccetta hu stess ma kienitx ahbar wisq sabiha ghalih li l-appellanti

[3] Fol. 81 tal-process
[4] Fol. 26 tal-process

harġet tqila mill-ewwel, meta jitqiesu l-pressjonijiet finanzjarji li l-koppja kellha quddiemha[5], l-attrici nnifisha tikkoncedi li kien ha hsiebha waqt li kienet l-isptar[6], u llum jghid li t-tifel hu l-aktar haga ghaziza ghalih[7]. L-allegazzjoni li l-appellat kellu xi problemi psikjatrici wkoll ma ssibx konfort fl-assjem tal-provi.

Dwar l-allegazzjoni ta’ l-appellanti li l-appellat ma kienx jittrattaha tajjeb u kien aggressiv maghha, ghalkemm jidher li matul l-gherusija kif ukoll wara z-zwieg il-kontendenti kienu jillitigaw ta’ sikwit, ma jirrizultax li dawn il-litigi qatt issuperaw il-limiti ta’ litigji “normali” bejn koppja gharajjes, tant li l-genituri ta’ l-appellanti jidhru li ma tantx kienu jaghtuhom importanza u komplew jghinuhom u jirsistulhom fil-preparamenti ghaz-zwieg. L-allegazzjoni li f’okkazjoni minnhom l-appellat heddidha b’turnavit hija negata minnu, apparti li dan l-allegat incident sehh wara z-zwieg. Il-fatt li jidher li l-appellat ma tantx kien ifissed jew jaghmel karezzi lill-appellanti ma jfissirx b’daqshekk li kellu nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.

Kif din il-Qorti, diversament komposta, kellha l-okkazjoni li tirriafferma fis-sentenza taghha tal-15 ta’ Novembru 2005 fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (u dan fuq l-iskorta ta’ sentenzi ohra, fosthom dawk citati hawn aktar ’l fuq f’din is-sentenza) biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neccessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta` tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali [8]. Fil-kaz in dizamina, ebda tali inkapacita` psikika jew kostituzzjonali ma giet ipprovata sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili.

Għaldaqstant, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, ma jirrizultax illi z-zwieg kien null taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-

[5] Fol. 83-84 tal-process.
[6] Fol. 28 tal-process.
[7] Fol. 56 tal-process.
[8] Ara wkoll **John Richards v. Margaret Richards**, Prim Awla, 30 ta’ Ottubru 2002.

Kap. 255, u konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

L-appellanti ssostni wkoll, "mingħajr preġudizzju" li l-kunsens taghha inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif imfisser fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255. Jigi ipprecizat illi huwa inkoncepibbli li zwieg jigi dikjarat null minhabba li parti kellha l-kunsens vizzjat kemm taht l-ewwel parti tal-paragrafu (d) (difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju) kif ukoll taht il-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, u dan ghaliex ta' l-ewwel jirreferi ghall-inkapacita` li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, filwaqt li t-tieni jippresupponi proprju li l-parti tant kellha tali kapacita` li b'att pozittiv tal-volonta` taghha issimulat il-kunsens taghha proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg [9].

Il-principji li jirregolaw is-simulazzjoni bhala kawza ta' l-annullament taz-zwieg gew analizzati fid-dettall fis-sentenza **Anna Galea v. John Walsh** deciza fit-30 ta' Marzu 1995, fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili spjegat hekk:-

**"L-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 jipprovdi, fost kazijiet ohra, li zwieg ikun null 'jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg' (sottolinear tal-Qorti). Ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta ifformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzjali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cioe` meta l-artikolu 19 allura esistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-artikolu 19 vigenti llum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku**

[9] Ara fuq dan il-punt **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** *supra.*

**promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-Kap. 255, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:**

**""At si alterutra vel utraque pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliquod elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrahit."**

**"Hawn qieghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cioe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar consensus simulatus jew consensus fictus. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur Castano (Castano, J.F., Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):**

**""In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della 'totalita`' matrimoniale, cioe` del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo 'parzialmente', vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proprietatem. Ad ogni modo, si tratti della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l'effetto sulla validita` del matrimonio, non c'e` nessuna differenza, giacche` il matrimonio in ambedue i casi e` sempre invalido." (op. cit. p. 382).**

**"[... ...] L-eskluzzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta` jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` pozittiva li teskludi tali element essenzjali: "Noi crediamo che l'espressione in questione voglia dire che non e` sufficiente la mancanza (assenza) dell'intenzione di escludere, ma e` necessaria la presenza (esistenza) di detta intenzione....Quindi non basta che esista il nolle, ma si richiede il velle non. Solo cosi` siamo davanti ad un atto poistivo di volonta`" (Castano, op.cit. p.384).**

**"La il-legislatur Malti u anqas dak kononiku ma enumeraw l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti, pero`, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet <u>Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri</u> diga kellha l-okkazzjoni tosserva dan li gej fil-kuntest tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg: 'Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be <u>mutual</u>, <u>permanent</u>, <u>continuous</u>, <u>exclusive</u> and <u>irrevocable</u> so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"' (Viladrich, P.J., <u>Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated</u> (Montreal, 1993), p. 687).**

**"[…..] Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana l-kap ta' nullita`, u b'referenza in partikolari ghall-kaz in dizamina, dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens -- basta li l-Qorti**

**tqishom, <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cioe` ghaz-zwieg."**

L-enfasi fuq il-volonta` pozittiva gie elaborat fis-sentenza **John Borg v. Paula Borg**_deciza fit-22 ta' Mejju 1995, fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili fissret hekk:-

**"[D]in il-Qorti kellha diga okkazjoni li tosserva fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet <u>Anna Galea vs. John Walsh</u> (deciza fit-30 ta' Marzu, 1995) li l-kliem 'eskluzjoni pozittiva' ifissru li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta` jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg innifsu jew dwar xi element essenzjali tieghu, izda jrid ikun hemm volonta` pozittiva li teskludi tali zwieg jew tali elementi essenzjali. Fi kliem iehor, irid ikun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu -- fi kliem il-gurista Castano, 'una decisiva intenzione di voler escludere' (ara Castano, J.F., <u>Il Sacramento del Matrimonio</u>, Roma, 1992, p. 384). L-istess awtur, pero`, iwissi:**

**""Pero` l'atto positivo della volonta` non s'identifica con l'intenzione espressa o implicita, ma l'atto della volonta` puo` essere positivo ed essere manifestato implicitamente....[L'atto positivo] puo` essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta`, oltre il modo espresso o implicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E` per questo che la volonta` puo` essere ritenuta una facolta` poliglotta e quindi parla attraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente (<u>ibid</u>., p. 385)"."**

Il-kaz **Dr. Stephen Muscat v. Maria Borg Grech** deciz fl-14 ta' Awissu 1995 kien jikkoncerna persuna li kienet turi bic-car li ma tridx tizzewweg izda minhabba insistenza kontinwa u ossessiva ta' ommha xorta zzewwget. F'dak il-kaz il-Prim Awla qalet hekk:-

**"[M]in esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimoniali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta` tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg, ikun qed jissimula l-kunsens tieghu. Ir-ragunijiet ghal din ic-cahda jistghu jkunu varji:**

**"'Motivum seu causa simulandi non necessario inveniendum est in circumstantia aliqua extrinseca (v.g. coactione vel consecutione alicuius commodi), sed inveniri potest in ipso subiecto contrahente, in ipsius natura, vel singulari et abnormi indole: In excultis et fotis contra matrimonii naturam sententiis: In animi perversitate' (coram Felici, 17 ta' Marzu, 1959, ikkwotat f'<u>Documentation on Marriage Nullity Cases</u>, Hudson, J.E., ed., St. Paul University (Ottawa) 1979, p. 159).**

**"Fost dawn ir-ragunijiet jista' jkun hemm l-aversjoni ghaz-zwieg ma' persuna partikolari fis-sens li wiehed mill-kontraenti ikun qieghed assolutament (izda internament) jirrifjuta li jizzewweg lill-kontraent l-iehor jew l-ohra, izda esternament, minhabba pressjoni jew konvenzjoni socjali, jghaddi xorta wahda mic-cerimonja taz-zwieg. Kaz ferm simili ghal dak in dizamina hu riportat f'Matrimonial Jurisprudence of the United States, 1975-76, Case number 38, u li sunt tieghu hu riprodott f'Documentation on Marriage Nullity Cases, supra, pagni 161 sa 165."**

Huwa wkoll relevanti ghall-kaz prezenti dak li qalet il-Prim Awla fis-sentenza taghha **Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri** deciza fl-10 ta' Novembru 1995:-

**"Huwa veru li l-ghemil u dak li jigri <u>wara</u> z-zwieg jista' jkun indikattiv u jista' jammonta ghal prova ta' l-istat ta' fatt esistenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Pero` wiehed irid dejjem joqghod attent u jiddistingwi bejn decizjonijiet zbaljati u decizjonijiet li tant ikunu sproporzjonati ghas-sitwazzjoni li jkunu jammontaw ghal indikazzjoni jew prova ta' difett jew difetti fil-kunsens."**

Fir-rikors ta' l-appell taghha, l-appellanti torbot it-tezi tagħha mal-kuncett tas-simulazzjoni totali kif ukoll ma' l-eskluzjoni tal-fedelta`[10]. Hija torbot it-tezi taghha ma' zewg fatti principali:

1. Relazzjoni ma' ragel iehor qabel iz-zwieg u anke wara;
2. L-espressjoni tad-dubji taghha dwar iz-zwieg xahrejn qabel it-tieg, u minkejja dan xorta zzewget.

Dwar l-eskluzjoni tal-fedelta`, mill-provi irrizulta biss kuntatt sporadiku hafna bejn l-appellanti u certu Adrian, u dan dejjem fil-kuntest ta' "*girls' nights*" u certament ma hemmx prova ta' infedelta` jew li hija kienet b'xi mod determinata <u>qabel</u> iz-zwieg li <u>wara</u> z-zwieg ma tkunx fidila lejn zewgha. Ix-xhieda ta' l-appellanti stess hija fatali ghat-tezi taghha meta hija tgħid: *"Jien iltqajt ma' Adrian wara z-zwieg meta hrigt mat-tfajliet. Lil Adrian kont nafu qabel iz-zwieg ghax kien jahdem ma' missieri. Nghid li Adrian kien jiffanzjani u ried johrog mieghi izda jiena ghedtlu le għax qed nohrog ma' Ian. Jien lill-konvenut kont ghedtlu b'kollox. Meta kont hrigt fil-girl's night kien hemm dan Adrian fil-lokal izda jien ma' kontx qadt mieghu."*[11]

Dwar is-simulazzjoni totali, il-provi diga` gew analizzati taht it-tieni aggravju. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument – u ghall-grazzja ta' l-argument biss – l-appellanti kienet qieghda taht xi pressjoni (interna) biex tizzewweg u

[10] Ara fol. 218-220 tal-process, pagni 12 u 13 tar-rikors ta' appell.
[11] Ara fol. 80 tal-process.

ssokkombiet ghal dik il-pressjoni, qatt ma jista' jinghad li iffurmat volonta` pozittiva biex teskludi z-zwieg innifsu: wieħed ma jistax ikun "konfuz" u jissimula (b'att pozittiv tal-volonta`) il-kunsens fl-istess ħin. Fuq kollox, kif diga` intqal qabel, ma tirrizultax prova sufficjenti ta' xi pressjoni fuq l-attrici. Ix-xhud Ton Verbraeken lejn tmiem id-deposizzjoni tieghu jghid: *"A few days later Caroline told me that she was going ahead with the marriage even though she was unsure"*[12], indikazzjoni li l-appellanti ddecidiet li tizzewweg minkejja d-diffikultajiet li kien hemm. Ghalhekk f'dan il-kaz jidher li kien hemm serje ta' decizjonijiet ragunati u voluti (anke jekk forsi xi whud minnhom zbaljati) ta' l-appellanti favur iz-zwieg mal-konvenut, mill-mument li ltaqghet mieghu sal-mument li zzewgitu. Ma hemm xejn x'jindika li kien hemm simulazzjoni.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[12] A fol. 67 tal-process.